25 Marzu 2013

# IL-KAĊĊA FIR-REBBIEGĦA 2013

Wara li l-ġimgħa l-oħra, l-Kumitat Ornis Malta għamel ir-rakkommandazzjonijiet rigward il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa għar-rebbiegħa 2013, dalgħodu l-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat flimkien mall-Ministru Leo Brincat u s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes, iltaqgħu ma uffiċjali tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) fejn setgħu jiddiskutu aktar dettalji rigward l-istess staġun. Il-lejla il-gvern ħareġ stqarrija fejn ħabbar id-dettalji rigward l-istaġun.

Waqt il-laqgħa u filwaqt li l-Gvern baqa kommess li jonora l-konklużjonijiet li wasal għalihom ma l-FKNK, kif kien imħabbar fl-istqarrija konġunta bejn il-Partit Laburista u l-FKNK fl-4 ta' Marzu 2013, ġie spjegat lill-uffiċjali tal-FKNK ir-raġunijiet għalfejn uħud mill-proposti mitluba mill-FKNK, ma kienx possibbli li jiġu attwati minn dan l-istaġun.

Fl-istess laqgħa ġie kkonfermat li, b'konformita' ma parti mill-istqarrija konġunta, fl-applikazzjoni ta' deroga sabiex tippermetti dan l-istaġun limitat għall-kaċċa tar-rebbiegħa, ser jitneħħa l-ħlas ta' €50 għall-liċenzja speċjali tal-kaċċa fir-rebbiegħa u l-kaċċaturi mhux ser ikollhom jilbsu l-faxxa ma' dirgħajhom kif sar fl-aħħar tlett snin. Ġie kkonfermat ukoll li minnufih ser jibda x-xogħol fuq l-istudji li huma neċessarji sabiex kemm ikun possibbli, l-konklużjonijiet kollha tal-istqarrija konġunta jiġu fis-seħħ sa' rebbiegħa oħra.

Lino Farrugia
Segretarju Ġenerali